**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 383/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Wajdi Lazhir BENHAMED**

**Illum, 22 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-appellant Wajdi Lazhir BENHAMED, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 412304(L) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tiegħu nhar il-5 ta' Settembru 2022, wara li ġie mixli talli bejn Jannar 2013 u Mejju 2018, fil-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1) Naqas li jagħti lil Dorothy Sciberras is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu, fi

żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha titħallas is-somma (Kap. 9, Artikolu 338(z)).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 7, 8, 18, 31(g) u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum appellant) ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal tlett (3) xhur priġunerija effettiva.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Wajdi Lazhir BENHAMED appella minn din is-sentenza u talab illi din il-Qorti "*tirrevoka u tannulla u thassar is-sentenza msemmija u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena u kemm il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata kwantu ghal htija, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern*".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi minkejja li l-appellant qajjem erba' aggravji fir-rikors tiegħu, fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar il-15 ta' Jannar 2024, l-istess appellant irtira l-aggravji (a), (b) u (ċ), b'dan għalhekk illi l-uniku aggravju li jeħtieġ li jiġi deċiż minn din il-Qorti huwa l-aggravju (d) dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Mill-bqija, in kwantu għall-aggravji (a) sa (ċ), il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess aggravji.

5. Illi permezz tal-aggravju (d), l-appellant jilmenta illi l-piena hija waħda eċċessiva u qrib il-massimu. Skont l-appellant, il-Qorti għandha tqis illi kienet il-*parte civile* illi naqset li tgħaddi l-prova li wara li għalaq it-tmintax-il sena, binhom il-kbir baqa' jistudja *full-time*, kif ukoll illi huwa għandu fedina penali netta. Isostni wkoll fir-rigward illi dejjem ħallas

manteniment lill-iben minuri, kif ukoll illi huwa jrabbi żewġt itfal oħra li jirrisjedu miegħu u għalhekk piena ta' ħabs ma tkun ta' ġid għal ħadd.

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll illi fil-mori tal-appell intlaħaq ftehim bejn l-appellant u l-*parte civile* dwar il-ħlas tal-manteniment li kien dovut. Kif jirriżulta mill-verbal tal-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Diċembru 2023, il-*parte civile* iddikjarat illi hija kienet irċeviet is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) għas-saldu ta' dak li seta' kien dovut mill-appellant in linea ta' manteniment.

7. Illi fil-każ odjern m'hemmx dubbju illi l-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija erogata mill-ewwel Qorti hija piena fil-parametri tal-liġi u dan meta wieħed jikkunsidra illi l-appellant ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali bħala reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-istess Kodiċi.

8. Illi b'rabta mal-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tas-26 ta' Frar 2009, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et**, f'liema sentenza ġie ritenut illi:

> "... meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."

9. Illi in oltre fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-15 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ahmad Yassine**, ingħad hekk wara li saret referenza għas-sentenza appena ċitata:

> "Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita

> kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti."

F'dan il-każ li wkoll kien jittratta appell minn sentenza ta' ħtija wara nuqqas ta' ħlas ta' manteniment dovut, il-Qorti ċaħdet l-appell tal-appellant sabiex is-sentenza appellata tiġi mħassra f'dik il-parti fejn erogat piena ta' xahrejn priġunerija u dan wara li dik il-Qorti qieset illi ma kien hemm l-ebda żvilupp u illi l-appellant baqa' m'għamel xejn sabiex seta' jingħad illi kien hemm xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-ewwel Qorti, li bis-saħħa tagħha setgħet tiġi ridotta l-piena inflitta.

10. Illi mill-banda l-oħra, bl-applikazzjoni tal-istess prinċipji, din il-Qorti kif diversament preseduta kemm il-darba qieset illi jkun hemm lok għal temperament fil-piena mposta mill-ewwel Qorti fil-każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi jew ta' żvilupp pożittiv li jseħħ wara s-sentenza tal-ewwel Qorti.[1] Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-25 ta' Settembru 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Said**:

> "Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi ghas-sodisfazzjon shih ta' mart l-appellant w ghalhekk din il Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena."

[1] Ara per eżempju **Il-Pulizija vs Paul Farrugia**, Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Lulju 2009; **Il-Pulizija vs Andy Debono**, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju 2014; **Il-Pulizija vs Jonathan Attard**, Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Mejju 2016; **Il-Pulizija vs Marius Bartolo**, Qorti tal-Appell Kriminali, 5 ta' Diċembru 2023; **Il-Pulizija vs Joseph Axisa,** Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Jannar 2024.

11. Illi fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi la darba fil-mori tal-appell, l-appellant ħallas lill-*parte civile* l-ammont ta' manteniment għall-perjodu ndikat fiċ-ċitazzjoni odjerna, anke jekk dan ġie ridott bi qbil bejn il-partijiet, dan jagħti lok għal temperament fil-piena. Fir-rigward madankollu, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll dak sottomess mill-Avukat Ġenerali fit-trattazzjoni ossia illi l-perjodu li fih l-appellant naqas milli jħallas manteniment għaż-żewġ uliedu kien wieħed tassew twil ta' 'l fuq minn ħames snin. Għaldaqstant, tqis illi dan il-fattur għandu jiġi rifless fil-piena erogata.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant Wajdi Lazhir BENHAMED ħati tal-kontravvenzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, tirrevokaha in kwantu ġie kkundannat għal piena ta' tlett (3) xhur priġunerija effettiva u minflok bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għal piena ta' tliet (3) xhur priġunerija sospiża għall-perjodu ta' sena, liema perjodu jibda jiddekorri mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti wissiet lill-appellant fi kliem ċar u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**